

Brussell, 25 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13816/1/21
REV 1

LIMITE

TELECOM 416

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Drittijiet u prinċipji diġitali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali għall-prosperità, is-sigurtà u l-kompetittività tal-Ewropa u għall-benesseri tas-soċjetajiet tagħna. F'dan il-kuntest, innota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" huwa pass fit-tfassil tal-iżvilupp diġitali tal-Ewropa għad-deċennju li jmiss¹.

It-teknoloġiji diġitali qed jittrasformaw kull aspett ta' ħajjitna u joffru opportunitajiet bla preċedent. Il-pandemija tal-COVID-19 bidlet b'mod radikali r-rwol u l-perċezzjoni tad-diġitalizzazzjoni fis-soċjetajiet u fl-ekonomiji tagħna, u żiedet il-pass tagħha. Madankollu, żiedet ukoll id-distakk diġitali madwar l-Unjoni Ewropea, mhux biss bejn iż-żoni urbani u t-territorji rurali u mbiegħda konnessi tajjeb, iżda anki bejn dawk li jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn ambjent diġitali arrikkit, aċċessibbli u sigur, u dawk li ma jistgħux.

¹ Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew, 25 ta' Marzu 2021.

Kumpaniji diġitali kbar saru dejjem aktar b'saħħithom, u l-mudelli tan-negozju tagħhom u l-kontroll mifruq fuq id-data tagħna jagħtuhom il-kapaċità li jinfluwenzaw il-proċess demokratiku tagħna. It-teknoloġiji diġitali jżidu d-distakk bejn il-foqra u dawk privileġġati; dawn jippreżentaw serje ta' riskji f'termini ta' sikurezza, sigurtà, u limitazzjoni tal-ġhażla u tal-libertajiet fundamentali. Il-ksur tal-privatezza, it-tixrid ta' kontenut u prodotti illegali, it-tixrid tad-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità, ir-riskju ta' sorveljanza tal-massa taċ-ċittadini, iċ-ċensura online, u l-preġudizzji algoritmiċi jistgħu jfixxlu l-forniment ġust u nondiskriminatorju ta' servizzi privati u pubbliċi liċ-ċittadini u huma dejjem aktar prevalenti. Problemi bħal dawn jistgħu potenzjalment idġhajfu l-istil ta' ħajja Ewropew u l-mudell tas-soċjetà. Sa ċertu punt, it-trasformazzjoni diġitali tfakkarna fl-evoluzzjonijiet storiċi fejn it-teknoloġija u l-progress affettwaw in-nisġa tas-soċjetajiet tagħna.

L-UE għandha l-opportunità u d-dmir li tiggwida liċ-ċittadini tagħha f'era ta' soċjetà diġitali fejn in-nies jegħlbu l-immaturità diġitali tagħhom biex isiru konxji mid-drittijiet diġitali tagħhom u fejn il-gvernijiet jistgħu jiddefinixxu b'mod ċar l-aspettattivi tagħhom lejn il-fornituri tat-teknoloġija sabiex jiżguraw kemm id-drittijiet u l-libertajiet individwali kif ukoll jipprovdu ambjent li fih jistgħu jiġu indirizzati sfidi soċjetali urġenti.

Kif spjegat fil-Kumpass Diġitali tal-2030, l-UE għandha viżjoni għal Ewropa trasformata diġitalment sal-2030, f'konformità mal-valuri Ewropej. Hija Ewropa li tħaddan negozji innovattivi u ċittadini emanċipati f'soċjetà diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inklużiva, prospera u sostenibbli. Il-"Perkors għad-Deċennju Diġitali" li ġie adottat dan l-aħħar huwa l-ewwel pass lejn it-tiżiħ ulterjuri tat-tmexxija diġitali tagħna u l-ġoti tal-mezzi liċ-ċittadini u lin-negozji biex jaġixxu, u b'hekk id-diġitalizzazzjoni ssir il-mutur tat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali fl-Ewropa. Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq id-drittijiet u l-prinċipji diġitali li ser jiżguraw trasformazzjoni diġitali sostenibbli, iċċentrata fuq il-bniedem u bbażata fuq il-valuri u qed tippjana li tressaq proposta sa tmiem is-sena permezz ta' dikjarazzjoni solenni konġunta.

Id-dikjarazzjoni li tistabbilixxi d-drittijiet u l-prinċipji diġitali tal-UE hija maħsuba biex isservi bħala qafas ta' referenza għall-Ewropej kollha, biex tinfirmahom u tagħtihom il-mezzi biex jaġixxu rigward id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji minquxa fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea u biex tgħin biex jiġi żgurat li dawn jiġu rispettati online bl-istess mod bħal meta jkun offline. Dan għandu jiggwida lil dawk li jfasslu l-politika fi sforz konġunt biex jiddefinixxu l-mod Ewropew lejn dinja diġitali sostenibbli, iċċentrata fuq il-bniedem, u biex jintegraw b'mod sħiħ l-interventi ta' politika tal-UE fit-triq lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa. Għalhekk, id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll punt ta' riferiment globali biex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjetali u etiċi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni diġitali.

Minn meta tħabbret din l-inizjattiva l-ewwel darba fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kumpass Diġitali f'Marzu ta' din is-sena, il-Kummissjoni involviet ruħha b'mod attiv maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tagħtihom vuċi. F'Mejju 2021, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika wiesgħa online dwar abbozz ta' sett ta' prinċipju diġitali bbażati fuq għadd ta' oqsma prinċipali f'konformità ma' dawk identifikati fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali: aċċess universali għal servizzi tal-internet; edukazzjoni u ħiliet diġitali universali għan-nies biex jieħdu sehem attiv fis-soċjetà u fil-proċessi demokratiċi; amministrazzjoni u servizzi pubbliċi diġitali li jkunu aċċessibbli u bil-bniedem fiċ-ċentru tagħhom; aċċess għal servizzi tas-saħħa diġitali; ambjent online miftuħ, sigur u affidabbli; protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lit-tfal u ż-żgħażaġh fl-ispazju online; identità diġitali Ewropea; aċċess għal apparati, sistemi u servizzi diġitali li jirrispettaw il-klima u l-ambjent; u prinċipji etiċi għal algoritmi bil-bniedem fiċ-ċentru tagħhom.

Il-Kummissjoni wettqet ukoll workshops parteċipatorji mas-soċjetà ċivili, intervisti mmirati, u konsultazzjoni mat-tfal u l-edukaturi tagħhom. Hija wettqet ukoll sħarriġ tal-Ewrobarometru biex tiġbor il-fehmiet fost l-Istati Membri u fost gruppi ta' etajiet differenti, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġh u sfondi soċjali differenti. Dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni kienu strumentali biex jgħinu fit-tfassil tal-abbozz ta' dikjarazzjoni li l-Kummissjoni ser tipproponi wara l-laqgħa tal-Kunsill TTE.

- L-attivitajiet ta' konsultazzjoni wrew appoġġ wiesa' għal dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali. Ir-riżultati tal-Ewrobarometru indikaw li għadd kbir (82 %) ta' ċittadini jsibuha utli kieku kellha tiġi definita u promossa viżjoni Ewropea komuni għal soċjetà diġitali permezz ta' kompilazzjoni ta' lista ta' drittijiet, prinċipji u valuri.
- Barra minn hekk, 77 % taċ-ċittadini indikaw li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar id-drittijiet tagħhom fl-ambjent online, b'għadd sinifikanti ta' ċittadini (34 %) jindikaw ukoll li ma kinux konxji li d-drittijiet bħal-libertà tal-espressjoni, il-privatezza, jew in-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu rrispettati wkoll online.
- Dawk li wiegħbu l-konsultazzjoni pubblika ta' spiss enfasizzaw li s-soċjetà diġitali tal-Ewropa għandha tkun ibbażata fuq il-valuri Ewropej, u li jkun kruċjali għal soċjetà diġitali fil-"mod Ewropew" li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni ser jitqiesu fil-proposta għal dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali. Id-dikjarazzjoni ser tibni wkoll fuq dikjarazzjonijiet reċenti (bħad-Dikjarazzjoni ta' Lisbona, id-Dikjarazzjoni ta' Berlin u d-Dikjarazzjoni ta' Tallinn) u fuq inizjattivi tal-Istati Membri bħall-Karta Spanjola tad-Drittijiet Diġitali, id-Dikjarazzjoni Taljana tad-Drittijiet fil-qasam tal-Internet, il-Karta Portugiża tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Era Diġitali, il-White Paper Daniża dwar kuntratt soċjali aħjar mal-kumpaniji tat-teknoloġija kbar, jew id-dokument informali dwar il-Promozzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Ispazju Diġitali: Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem għal Teknoloġiji Diġitali Ġodda u Emerġenti mis-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Awstrija.

F'dan il-kuntest, il-ministri huma mistiedna jwiegħbu l-mistoqsijiet li ġejjin għad-diskussjoni:

1. Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali għandha tistabbilixxi t-triq 'il quddiem għad-deċennju li jmiss u tkun l-ewwel pass fl-istabbiliment ta' punt ta' riferiment globali flimkien ma' dawk is-sħab li jħaddnu l-valuri demokratiċi tal-UE?
2. Taqblu li l-oqsma deskritti hawn fuq jistabbilixxu bażi tajba għal dikjarazzjoni globali dwar il-prinċipji diġitali għal deċennju diġitali?